**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 13 ta' Lulju, 2020**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Matthew Galea)**

**VS**

**MONA IBRAHIM MAHMUD**

**Kump 285/2020**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mona Ibrahim Mahmud detentriċi tal-permess ta' residenza Maltija bin-numru tal-karta ta' l-identita` 0175289A fejn giet akkuzata talli;

nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju 2020 għal-ħabta tal-kwarta ta' waranofsinhar (12:15hrs) waqt li kienet fi Triq il-Farfett u Triq Stiefnu Zerafa il-Marsa:

1. Ikkawżat lil Walidana Cassar biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta lil Walidana Cassar, jew jekk kienet ipprovokata, inġurjat b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġarret 'il barra min xi fond jew id-dintorni tiegħu, xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebbet kontra l-persuna ta' Walidana Cassar sabiex tinġurja, iddejjaq jew tagħmel ħsara lil dawn il-persuni jew lil ħaddieħor;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' ta' Walidana Cassar jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputata skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta'

ta’ l-persuna offiżi u l-familja tagħha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali li jinsab a folio 16;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghha u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kienet inghatat z-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputata iddikjarat li kellha bizzejjed zmien biex terga tirrikonsidra u li fehmet sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u li fehmet wkoll li l-ammissjoni taghha, kif fehmitha din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m’ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni taghha.

**KONKLUZJONI;**

GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 251(3), 338(dd), 339(1)(e)(d), 382A, 383, 384, 385, u 412C, u 412D tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 7 tal-

Kapitolu 446 u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480, ilkoll tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata, fuq ammissjoni taghha stess, hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha u tordna li **Mona Ibrahim Mahmud** titqieghed taht Ordni ta' Probation ghal-zmien tlett (3) snin ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation*, bil-kundizzjonjiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car l-importanza ta' din l-ordni u wissietha x'inhuma l-konsegwenzi jekk hija ma' toqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hatja accettat li toqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur *Probation and Parole*.

**Ordni skond l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament taghha, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **Walida Cassar u l-familjari taghha** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuni msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hatja **Mona Ibrahim Mahmud** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Mona Ibrahim Mahmud** milli tavvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuni msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Mona Ibrahim Mahmud** milli tikkuntattja jew timmolesta lill-persuni msemmija,

**In oltre, f'termini aktar specifici, tordna lill-hatja Mona Ibrahim Mahmud**:

Ma tersaqx fl-inhawi tat-Triq fejn jirrisjedu l-vittmi u cioe' Triq il-Farfett, Marsa.

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` tlett snin li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur